# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023**

**Kawża Nru. 13**

**Rik. Nru. 68/2022 ISB**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino detentur tal-karta tal-identita bin-numru 555482(M) bħala mandatarju speċjali ta' Avinco Group Holdings N.V., soċjeta' estera reġistrata fil-Curacao, bin-numru ta' reġistrazzjoni 91918**

**Vs**

**Eolia Limited (C31748)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta **Eolia Limited,** intavolat fis-6 ta' Ġunju 2022, li b'digriet tagħha ta' llum stess, ġie sostitwit bir-rikors ġuramentat intavolat

fil-31 t'Ottubru 2022 (DOK EO3), u li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

1. *Illi prevja r-revoka tal-provvediment mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Marzu 2022 fil-kawża fl-ismijiet "Av. Jonathan Abela Fiorentino, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 555482 (M) bħala mandatarju speċjali ta' Avinco Group Holdings N.V., soċjeta estera reġistrata fil-Curacao bin-nrumu ta' registrazzjoni 91918 vs Eolia Limited (C 21748) (Rikors Numru 246/2018 ISB) dina l-Onorabbli Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza billi l-provvediment citat kien effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza a tenur rispettiv tal-artiklu fl-artilu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. u dan bl-ispejjez kontra s-soċjeta rikorrenti.*

2. *Bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine li jibqa; ngunt minn issa in subizzjoni.*

U dan wara li ppermettiet:

***Preliminari***

*Illi b'rikors fil-15 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent nomine ppremetta illi :*

*Illi s-socjeta intimata Eolia Limited hija socjeta privata limitata stabbilita taht il-ligijiet ta' Malta u registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) bin-numru ta' registrazzjoni C 31748 u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' registrazzjoni tas-socjeta intimata mahrug taht l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi s-socjeta intimata Eolia Limited giet kostitwita bhala kumpannija privata limitata u dan kif inhu konfermat mill-istatut taghha;*

*Illi permezz ta' rizoluzzjoni tal-membri tas-socjeta intimata mehuda fl-10 ta' Jannar 2011, il-Memorandum ta' Assocjazzjoni tal-istess socjeta intimata gie sostitwit fl-intier tieghu;*

*Illi skont il-Memorandum ta' Assocjazzjoni tas-socjeta intimata kif sostitwit, senjatament il-klawsola 4(a), jirrizulta illi l-attivita principali taghha tikkonsisti fis-segwenti :-*

*"to purchase, acquire, own hold, manage, lease, administer, sell or otherwise dispose of property of any kind, whether immovable or movable, personal or real, and whether or not belonging to the Company and to subscribe for, take, purchase or otherwise acquire, hold, sell or dispose of shares or other interest in or securities of any other company;"*

*Illi l-kapital azzjonsarju sottoskritt attwali tas-socjeta intimata huwa ta' elf u hames mitt Dollaru Amerikan ( USD 1500), liema kapital huwa maqsum f'elf u hames mitt (1500) sehem ordinarju ta' valur nominali ta' Dollaru Amerikan ( USD 1) kull sehem. Illi l-kapital azzjonarju sottoskritt ta' Eolia Limited gie sottoskritt da parti tal-azzjonisti taghha, in kwantu ghal seba' mija u hamsin (750) sehem ordinarju sottoskritt minn Alastair Clifford Duke, in kwantu ghal tlett mija u hamsa u sebghin (375) sehem ordinarju sottoskritti minn Manfredo Ludovico Manfredi u in kwantu ghall-ishma rimanenti ta' tlett mija u hamsa u sebghin (375) sehem ordinarju sottoskritti minn Ian Richard Whitehall;*

*Illi s-socjeta rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. u s-socjeta intimata Eolia Limited kienu iffirmaw bejniethom, fost diversi kuntratti ohrajn fil-kuntest tar-relazzjoni kummercjali ta' bejntiehom, imsejjah bhala "Put Option Agreement" datat l-1 ta' Ottubru 2008. Fost l-ohrajn permezz ta' dan il-ftehim is-socjeta intimata Eolia Limited tat id-dritt (put option) lis-socjeta rikorrenti li din tal-ahhar tbiegh, tassenja u titrasferixxi l-ishma kollha taghha fis-socjeta Avinco Holdings B.V. (socjeta estera registrata that il-ligijiet tal-Olanda) u dan ai termini tal-klawzola numru hamsa (5) tal-istess ftehim. Is-socjeta rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. ghandha erbgha u sebghin fil-mija (74%) tal-ishma fis-socjeta Avinco Holdings B.V. filwaqt illi s-socjeta intimata ghandha r-rimanenti sitta u ghoxrin fil-mija (26%) tal-ishma fis-socjeta Avinco Holdings B.V.;*

*Illi permezz ta' avviz imsejjah Put Option Exercise Notice data 30 ta' Gunju 2017, is-socjeta rikorrenti ezercitat id-dritt taghha tal-put option kif spjegat aktar 'il fuq biex b'hekk hija tat avviz formali lis-socjeta intimata li s-socjeta rikorrenti kienet qieghda tezercita tali dritt. Konsegwentement, is-socjeta intimata kienet fl-obbligu li tixtri u takkwista l-ishma li s-socjeta rikorrenti ghandha fis-socjeta Avinco Holdings B.V. u dan skont it-termini miftiehma;*

*Illi sussegwentement permezz ta' avviz iehor imsejjah Purchase Price Calculation Notice datat 19 ta' Settembru 2017, is-socjeta rikorrenti tat avviz formali lis-socjeta intimata in konnessjoni mal-kalkolu tal-prezz tat-trasferiment tal-ishma fis-socjeta Avinco Holdings B.V. u dan dejjem skont it-termini miftiehma fil-Put Option Agreement. Skont tali kalkoli, il-prezz tat-trasferiment jammonta ghal tlettax-il miljun seba' mija sitta u hamsin elf mija u erbgha u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu ( Eur 13,756,154.97);*

*Illi dan l-ammont, rapprezentanti l-konsiderazzjoni tat-trasfriment tal-ishma, kellu jithallas mis-socjeta intimata Eolia Limited lis-socjeta rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. billi l-imsemmi ammont jigi trasferit fil-kont bankarju tan-Nutar certu Mr. A.J. Wiggers gurnata qabel it-30 ta' Settembru 2017, li kienet il-gurnata li fiha l-put option (ossija t-trasferiment tal-ishma favur is-socjeta intimata Eolia Limited, jew*

*socjeta jew persuna ohra indikata mill-istess Eolia Limited ghal dan il-ghan) kellu jigi kompletat u dan kollu kif miftiehem bejn il-partijiet;*

*Illi s-socjeta intimata Eolia Limited naqset mill-obbligi taghha assunti minnha skont il-Put Option Agreement u effettivament naqset milli titrasferixxi l-ammont fuq imsemmi rapprezentanti l-konsiderazzjoni tat-trasferiment tal-ishma. Fil-fatt, permezz ta' avviz imsejjah Notice of Default datat 20 ta' Ottubru 2017, mibghut mis-socjeta rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. lis-socjeta intimata Eolia Limited, is-socjeta rikorrenti formalment infurmat lis-socjeta intimata b'dan in-nuqqas taghha li jikkostitwixxi ksur tal-ftehim imsemmi. Inoltri is-socjeta rikorrenti innutat li s-socjeta intimata Eolia Limited mhijiex f'posizzjoni li thallas id-djun taghha filwaqt li interpellatha sabiex thallas l-ammont dovut sal-31 ta' Ottubru 2017. Minkejja dan, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;*

*Illi jidher li l-qaghda finanzjarja tas-socjeta intimata hija wahda prekarja u dan ghaliex l-istess socjeta intimata waqghet f'sitwazzjoni irreparabbli fejn effetivament ma tistax thallas id-djun taghha. Dan jidher car mill-ahhar kontijiet annwali tal-kumpannija ghas-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2014 li huma l-aktar kontijiet annwali ricenti li gew sottomessi mis-socjeta intimata mar-Registratur tal-Kumpannija ai termini tal-ligi. Fil-fatt jidher lil-qaghda finanzjarja tas-socjeta intimata kompliet tmur ghall-aghar f'dawn l-ahhar snin billi hija naqset milli tippublika Annual Reports u Audited Financial Statements ghas-sena elfejn u hmistax (2015) u s-snin ta' wara;*

*Illi in vista ta' din is-sitwazzjoni, is-socjeta rikorrenti qed titlob ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tas-socjeta intimata minn dina l-Onorabbli Qorti skont is-sub paragrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartiklu (2) tal-artiklu 214 tal-Att Dwar il-Kumpanniji ( Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq moghtija, is-socjeta rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. titlob umilment u bir-rispett li, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni ohra xierqa, necessarja u opportuna, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

1. *Tiddikjara u tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralc tas-socjeta intimata Eolia Limited (C31748) skont is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartiklu (2) tal-artiklu 214 u s-subparagrafu (b) tas-subartiklu (5) tal-artiklu 214 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tordna l-istralc mill-Qorti tas-socjeta intimata Eolia Limited (C31748) skont id-disposizzjonijiet tas-Sub Titolu 1 tat-Titolu II tat-Taqsimea V tal-Att dwar il-Kumpaniji ( Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta).*

3. *Tordna n-notifika tar-Rikors Promotur lir-Registratur tal-Kumpanniji skond is-Sub Artiklu 8 tal-Artiklu 218 tal-Att Dwar il-Kumpanniji ( Kapitlu 386 tal-Ligijiet ta' Malta).*

4. *Taghti kull provvedient li jidhrilha xieraq u opportun.*

*Illi s-socjeta Eolia Limited pprezentat risposta fl-24 ta' April 2018 fejn ippremettiet s-segwenti :-*

1. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet illi ġejjin, l-Avukat Jonathan Abela Fiorentino għandu jipproduċi kopja vera tal-prokura maħruġa favurih minn Avinco Group Holdings N.V. ('**AGH**') u wkoll kopja vera tar-riżoluzzjoni maħruġa mill-organu kompetenti ta' AGH, li tawtorizza l-istess, b'mod partikolari in vista tal-fatt illi AGH hija kumpannija reġistrata ġewwa l- Curaçao, pajjiż terz illi mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropeau għalhekk hemm bżonn ta' ħatra valida tal-mandatarju speċjali skont il-liġi;*

2. *Illi, wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti AGH m'għandiex l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tressaq din il-kawża u dan għaliex ir-rikorrenti AGH ma setgħetx, propju mit-30 ta' Ġunju 2017, teżerċita ebda drittijiet taħt il-Put Option Agreement datat l-1 t'Ottubru 2008. Fil-fatt, meta l-Put Option ġie skattat u anke meta intbagħtet l-Purchase Price Notice, AGH ma kellha ebda ishma f'Avinco Holding N.V., iżda kien is-Sur Marc Molhuysen illi kellu l-ishma bħala kuratur maħtur mill-Amsterdam Court of Appeal (Enterprise Division) fis-6 ta' Diċembru 2016 (ara hawn annessa ma din ir-risposta kopja tad-deċiżjonijiet mmarkata bħala '**Dokument EL1**'). Għalkemm huwa minnu illi f'Ottubru 2017 il-ħatra ta' Marc Molhuysen bħala kuratur tal-imsemmija ishma skadiet, fl-20 ta' Frar 2018 Marc Molhuysen reġa ġie maħtur mil-Amsterdam District Court sabiex iżomm temporanjament l-istess ishma f'Avinco Holding B.V illi qabel kienu ta' AGH (ara hawn annessa ma din ir-risposta kopja tad-deċiżjoni mmarkata bħala '**Dokument EL2**'). Din il-kawża illi tressqet fil-15 ta' Marzu 2018, se mai kellha tiġi mressqa minn Marc Molhuysen u mhux mis-soċjeta' rikorrenti AGH jew almenu minn AGH flimkien ma' Marc Molhuysen;*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet mressqa mis-soċjeta' rikorrenti AGH huma infondati fil-fatt u fid-dritt, b'mod partikolari għaliex ir-rikors kif imressaq ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att Dwar il-Kumpanniji;*

4. *Illi l-ewwel u qabel kollox, u għall-benefiċċju ta' din l-Onorabbli Qorti, dawn il-proċeduri jittrattaw ishma illi kienu oriġinarjament tas-soċjeta' attriċi AGH, iżda issa 74% tal-ishma huma miżmuma minn Marc Molhuysen bħala l-kuratur maħtur mill-qrati Olandiżi u 26% tal-ishma huma miżmuma mis-soċjeta' intimata f' kumpannija Olandiża bl-isem Avinco Holdings B.V. (ara hawn annessa l-istruttura tal-kumpannija mmarkata bħala '**Dokument EL3**'). Avinco Holdings B.V. hija prinċipalment involuta fin-negozju tal-bejgħ ta' helikopters u ajruplani użati (second-hand) u għandha żewġ sussidjarji: Avinco Ltd (Irlanda) u Avinco Management AG (l-Iżvizzera);*

5. *Illi jidher illi s-soċjeta' attriċi AGH hija proprjeta' tal-familja Al Yousef u sat-28 ta' Diċembru 2006 il-familja Al Yousef kienet l-azzjonista maġġoritarja (għalinqas b'titolu benefiċjarju jew xorta oħra) ta' Avinco Holdings B.V. Żewġ persuni mil-familja Al Yousef huma involuti f'din l-istorja: Abbas Al Yousef u Saeed Al Yousef (it-tifel ta' Abbas). Fix-xhur qabel it-28 ta' Diċembru 2006, is-soċjeta' attriċi AGH, is-soċjeta' intimata Eolia u/jew terzi oħra kienu f'negozjati sabiex is-soċjeta' intimata Eolia tixtri 26% tal-ishma f'Avinco Holdings B.V. mingħand AGH. Din it-tranżazzjoni ġiet konkluża fit-28 ta' Diċembru 2006, iżda eventwalment ġiet eżegwita fl-1 t'Ottubru 2008. Is-soċjeta' intimata Eolia dak iż-żmien ħallset madwar €19.4m sabiex tixtri 26% tal-ishma f' Avinco Holdings B.V. Fis-sena 2008, is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' intimata daħlu f'numru ta' kuntratti bil-miktub sabiex jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom bħala azzjonisti f'Avinco Holdings B.V., u l-ftehim l-aktar importanti kien is-Strategic and Financial Agreement u l-ftehim anċillari l-Put Option Agreement liema ġew eżegwiti fl-1 t'Ottubru 2008;*

6. *Illi, wara ftit snin, sar evidenti għas-soċjeta' intimata Eolia illi s-soċjeta' attriċi AGH, il-familja Al Yousef u/jew terzi kienu żleali fil-konfront ta' Eolia u ħbew in-natura vera tal-bejgħ ta' 26% tal-ishma f'Avinco Holdings B.V. u dan għaliex fil-verita kienet tranżazzjoni mhux xierqa xejn bejn il-familja Al Yousef u terzi liema tranżazzjoni hija oġġett ta' diversi investigazzjonijiet internazzjonali illi għadhom pendenti;*

7. *Illi, dawn il-proċeduri de quo għax-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' intimata huma ftit mill-ħafna proċeduri ġudizzjarji illi jinsabu pendenti rigward Avinco Holdings B.V. Is-soċjeta' intimata Eolia sejra, meta jkun opportun, tressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti evidenza ċara illi ser turi illi dawn il-proċeduri ma huma xejn ħlief*

*attentat Makjavelljan ieħor minn naħa ta' Saeed Al Yousef sabiex jipprova jwaqqa' lil missieru Abbas Al Yousef mill-imperu tiegħu u sabiex tiġi xolta Avinco Holdings B.V. u għall-skopijiet ta' gwadann finanzjarju tiegħu biss;*

8. *Illi f'dan il-kuntest u għal raġunijiet speċifiċi illi sejrin jitressqu waqt dawn il-proċeduri, qed jiġi kontestat il-fatt illi is-soċjeta' attriċi AGH eżerċitat id-drittijiet 'tagħha' ai termini tal-Put Option Agreement. Is-soċjeta' intimata Eolia għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara diversi drabi bil-miktub mas-soċjeta' attriċi AGH għaliex hija tal-fehma illi l-Put Option Agreement ma jistax jiġi skattat – u dan kif ser jiġi ppruvat ukoll aktar tard waqt dawn il-proċeduri. Anke jekk, dato ma non concesso illi s-soċjeta' attriċi AGH setgħet teżerċita xi drittijiet taħt il-Put Option Agreement, il-prezz innifshu, kif kalkulat fil-Purchase Price Notice, huwa wkoll kontestat, għaliex fil-verita', mhux biss il-prezz għal 74% tal-ishma f'Avinco Holdings B.V. huwa nil, iżda s-soċjeta' attriċi AGH hija wkoll debitriċi tas-soċjeta' intimata Eolia;*

9. *Illi, is-soċjeta' intimata tissottometti illi s-soċjeta' attriċi AGH ma tikkwalifikax bħala 'kreditriċi' għall-finijiet tal-artikolu 218 tal-Att Dwar il-Kumpanniji għaliex it-talba prinċipali tagħha kontra l-intimata hija kontestata. F'dawn iċ-ċirkostanzi, is-soċjeta' attriċi m'għandhiex titħalla tipproċedi b'din il-kawża iżda din l-Onorabbli Qorti għandha tordna illi jibdew il-proċeduri sostantivi abbażi tat-talba prinċipali fil-forum adegwat, u cioe' f'Arbitraġġ u dan ai termini tal-artikolu 26 tal-Put Option Agreement. Huwa ċar illi s-soċjeta' attriċi AGH ressqet dawn il-proċeduri b'għaġġla b'attentat illi jiġi ordnat x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' intimata Eolia għaliex il-Put Option Agreement ġie skattat b'ingann sabiex jiġu newtralizzati l-ishma ta' Eolia f' Avinco Holdings B.V.;*

10. *Illi, f'kull każ u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex jiġi skattat l-Put Option Agreement is-soċjeta' intimata Eolia neċessarjament tirrikjedi kapital sinifikanti tant illi jkollha tikseb finanzjament. Ebda kumpannija ma għandha €13,756,154.97 f'assi f'riżerva kapitali, u għalhekk huwa raġonevoli illi Eolia kellha tikseb finanzjament sabiex tħallas dan l-ammont, kif fil-fatt għamlet fil-bidu nett meta kisbet 26% tal-ishma f'Avinco Holdings B.V. lura fis-sena 2006;*

11. *Illi, aktar minn hekk, anke jekk id-debitu tas-soċjeta' intimata Eolia (kemm jekk wieħed jinkludi t-talbiet imressqa mis-soċjeta' attriċi jew*

*le) jeċċedi l-assi, mhux neċessarjament jagħti lok għax-xoljiment u l-istralċ tagħha. Din l-Onorabbli Qorti għandha d-diskrezzjoni taħt artikolu 214(2)(a)(ii), u fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, huwa bil-wisq ċar għas-soċjeta' intimata Eolia illi ma hemm ebda raġuni valida sabiex it-talbiet tas-soċjeta' attriċi AGH jintlaqgħu gialadarba hemm mankanti sentenza jew lodo arbitrali definittiv u finali illi jikkonfermaw il-pretensjonijiet imressqa mis-soċjeta' attriċi AGH f'din il-kawża. Għandu jingħad ukoll illi l-involviment tas-soċjeta' intimata Eolia f'Avinco hija waħda mid-diversi negozji tagħha u mingħajr ebda dubju Eolia għadha attiva kummerċjalment;*

12. *Illi, għal kull buon fini, l-annual reports u l-audited financial statements tas-soċjeta' intimata Eolia għas-sena finanzjarja li għalqet fl-2015 ġew sottomessi mar-Reġistru tal-Kumpanniji fit-8 ta' Marzu 2018 u ġew debitament reġistrati u ippublikati fuq is-sit elettroniku tar-Reġistru fit-13 ta' Marzu 2018, jiġifieri, jumejn qabel ma ġew imressqa dawn il-proċeduri. Ir-rapporti annwali u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fl-2016 ser ukoll jiġu mfassla u debitament ippreżentati mar-Reġistru tal-Kumpanniji fix-xhur li ġejjin u ċertament, il-fatt illi dawn għadhom ma ġewx ippreżentati ma jagħtix bażi illi fuqha din l-Onorabbli Qorti tista' tilqa t-talbiet tas-soċjeta' attriċi taħt artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att Dwar il-Kumpanniji;*

*GĦALDAQSTANT in vista tas-suespost u salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi illi jistgħu jitressqu, is-soċjeta' intimata Eolia umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrespinġi it-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi Avinco Group Holdings N.V mressqa fir-rikors tal-15 ta' Marzu 2018, bl-ispejjeż.*

*Illi dina l-Onorabbli Qorti ddisponiet din il-vertenza bi provvediment moghti fil-11 ta' Marzu 2022 li permezz taghha laqghet l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba, ghall-finijiet tar-raba' talba hatret lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju ta' Eolia Limited u ordnat lir-Registratur tal-Qorti jibghat kopja tad-decizjoni lill-Malta Business Registry u lir-Ricevitur Ufficcjali b'mod immedjat.*

*<u>Ritrattazzjoni</u>*

*Illi s-socjeta esponenti hasset ruhhu aggravata minn dan il-provvediment billi fl-umli fehma taghha huwa effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u ghalhekk kif stipulat fl-artiklu 811*

*sub-incizi (l) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili huwa soggett ghar-ritrattazzjoni.*

*Motiv tar-Ritrazzjoni*

*Effett ta' Żball mill-atti u/jew dokumenti*

*Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-provvediment in kwistjoni kien effett ta' żball riżultanti mill-atti jew dokumenti tal-każ u dan għar-raġunijiet segwenti :-*

*1. Illi permezz tal-provvediment tagħha tat-13 ta' Lulju 2020, dina l-Onorabbli Qorti kient ħalliet il-kawża sine die u ddikjarat illi mhijiex sejra tipprovdi dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti sakemm il-proċeduri ġudizzjarji li, fil-morti tal-kawża, kienu istitwiti, is-soċjetà esponenti fil-Qorti tal-Olanda, jgħaddu in ġudikat.*

*2. Illi l-Qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li semgħet provi estensivi prodotti mis-soċjetà esponent dwar il-kontestazzjoni tal-pretensjonijiet avvanzati mis-soċjetà rikorrenti, kontestazzjoni li effettivament kien jifforma mertu ta' proċeduri ġudizzjarju dedotti quddiem il-Qorti tal-Olanda.*

*3. Illi bħala fatt jirriżulta illi fil-proċeduri istiwti mis-soċjetà esponenti quddiem il-Qorti tal-Olanda, ġew ċitati fil-ġudizzju bħala konvenuti is-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V., Airbus S.E., Avinco Holdings B.V u Prjoic 9 S.A.S. Fuq kollox il-pretensjonijiet dedotti fl-imsemmija proċeduri kienu diversi u kumplessi li jirrigwardaw l-involviment tal-konvenuti kollha u għalhekk ma kienux limitati għall-pretensjonijiet dedotti mis-soċjetà rikorrenti għall-iskop tal-proċeduri odjernu quddien din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Illi b'sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Olanda fl-20 ta' Mejju 2020, il-Qorti laqgħet eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. dwar nuqqas ta' ġurisdizzjoni fil-konfront tagħha u konsegwentement illiberatha mill-osservanza tal-ġudizzju u dan a bażi tal-klawsola arbitrali li kienet ġiet pattwita bejn il-partijiet kontraenti għal Put Option Agreement. Is-soċjetà esponenti kienet daħlet appell minn din is-sentenza iżda b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Novembru 2020, l-appell ġie miċħud.*

*5. Illi in segwitu il-kawża l-Olanda ssoktat fil-konfront tat-tlett konvenuti l-oħra u t-talbiet tas-soċjetà esponenti ġew miċħuda – "The Court dismisses the claim".*

*6. Illi minn qari tal-provvediment mogħti minn dina l-Qorti fil-11 ta' Marzu 2022, jidher illi l-Qorti straħet u bbażat ir-raġunijiet tagħha għar-riżultanzi tas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Settembru 2021 u bħallikieku dik is-sentenza kienet iddeċidiet il-mertu tal-vertanza anke fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. b'mod definittiv u*

*għaddiet in ġudikat. Dan jidher minn diversi brani mill-provvediment ta' din il-Qorti li ser issir referenza għalihom, fosthom :-*

*"Illi ma jirriżultax illi s-soċjetà rikorrenti f'dawn il-proċeduri kienu parti għall-proċeduri fl-Olanda u kwindi id-deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2021 ma tagħmilx stat fil-konfront tagħha. (Para. 1 – paġna 25);*

*"illi s-soċjetà intimata f'dawn il-proċeduri irnexxielha toħloq u tikkonvinċi lill-Qorti illi kien hemm a bona fide dispute, liema disputu kienet soġġetta għall-proċeduri fl-Olanda u illi b'sentenza tal-15 ta' Settembru 2021 mill-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, dik id-disputa partikolari u il-Qorti kienet qiesa bħala bona fide dispute illi kienet timmerita tiġi riżolta qabel ma jkomplu dawn il-proċeduri, issa ġiet riżolta u determinata b'mod definittiv." (Para. 3 – paġna 25);*

*"......Dan neċessarjament iwassal lil din il-Qorti tgħid illi allura ma hemm ebda dikjarazzjoni ġudizzjarja illi dak il-ftehim huwa in parte jew in toto null and void, inkluż fir-rigward tal-kalkolazzjoni tal-prezz tal-ishma illi jistgħu iwasslu biex jinċidi negattivament fuq il-kreditu pretiz mis-soċjetà rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata. Almenu, hekk tqis is-sitwazzjoni llum. (Para. 3 – paġna 26);*

*"......Il-Qorti tifhem dak sottomess fis-sens illi una volta il-bona fide dispute bejn il-partijiet ġiet riżolta b'deċiżjoni illi għaddiet in ġudikat u allura ma għadhiex pendenti, allura l-proċeduri odjerni għandhom issa jitkomplew." (Para. 3 – paġna 26);*

*Illi b'kull rispett dovut lil dina Onorabbli Qorti, l-iter tal-proċeduri ġewwa l-Olanda mhuwiex dak illi ġie meqjus mill-istess Qorti fil-provvediment tagħha tal-11 ta' Marzu 2022 u dan jirriżultamid-dokymenti esebiti in atti relattivi għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Olanda u senjatament is-sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju 2020 fil-prim istanza u dik sussegwenti tal-15 ta' Settembru 2021.*

*7. Illi għalkemm fil-provvediment tagħha oriġinali tat-13 ta' Lulju 2020, dina l-Qorti kienet effettivament ordnat is-soprassessjoni tal-proċeduri odjerni sabiex tistenna l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Olanda fl-istess ħin il-Qorti riedet tara wkoll illi dawk il-proċeduri jgħaddu in ġudikat.*

*8. Illi fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. ma kienx hemm eżitu fuq il-mertu li għaddha in ġudikat għaliex il-Qorti tal-Olanda ddeċidiet illi ma kellhiex ġurisdizzjoni a bażi tal-klawsola arbitrali pattwita bejn il-partijiet. Isegwi illi l-vertenza vera proprja bejn il-kontendenti fil-proċeduri odjernu għadha miftuħa għal kollox u altru illi ma jeżisti l-ebda ġudikat u wisq anqas xi deċiżjoni li tiddikjara lis-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. kreditur tas-soċjetà esponenti relattivament għall-prezz tal-ishma fis-soċjetà Avinco Holdings B.V. a tenur tal-Put Option Agreement.*

*9. Illi mill-permess għandu jirriżulta illi b'kull rispett lejn din l-Onorabbli Qorti id-deċiżjoni teskludi l-eżistenza tal-fatt illi huwa stabbilit posittivament.*

*10. Illi fid-dawl tas-suespost, is-soċjetà rikorrenti hija tal-umli fehma illi l-provvediment in kwistjoni mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Marzu 2022 fil-kawża fl-ismijiet premessi kien l-effett ta' żball li jidher mid-dokumenti u senjatament l-atti relattivi għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Olanda.*

*11. Illi l-fatt illi l-proċeduri fl-Olanda istitwiti mis-soċjetà esponenti ma kienux konklussivi a rigward tal-pretensjonijiet fil-mertu dedotti fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. ma kellux iwassal lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tasal għall-konklużjoni illi dawk il-proċeduri kienu eżawrew il-pretensjonijiet kollha fil-mertu hekk dedotti. Għalkemm huwa minnu illi bil-provvediment tagħha tat-13 ta' Lulju 2020 din il-Qorti kienet lesta tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċeduri u li kellhom jgħaddu in ġudikat, il-fatt hu illi dawk l-istess proċeduri ma wasslux għal dik illi kienet qed tantiċipa din il-Qorti u dan minħabba illi l-Qorti tal-Olanda ddeċidiet illi ma setgħetx teżerċita ġurisdizzjoni fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni fil-mertu a rigward tal-kreditu pretiz mis-soċjetà rikorrenti u li jifforma – bażi tat-talbiet dedotti fil-proċeduri odjerni, il-konsegwenza loġika ta' dak il-fatt kellu jwassal lil dina l-Qorti sabiex tirretjeni l-posizzjoni milħuqa meta ngħata l-provvediment tat-13 ta' Lulju 2020 fis-sens illi kien għad hemm "bona fide dispute" bejn il-kontendenti li ma ġiex riżolt in ġudikat fil-proċeduri tal-Olanda kif antiċipat oriġinarjament u li kwindi s-soċjetà rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. ma setgħetx tippretendi illi kienet "kreditur" li kellha locus standi sabiex tressaq il-proċeduri odjerni u titlob ix-xoljiment tas-soċjetà esponenti.*

*12. Illi semmai u rinfaċċjata b'dan l-istat ta' fatt, kien jispetta lil dina l-Onorabbli Qorti li tistieden lill-partijiet sabiex jissoktaw bil-proċeduri appositu fil-mertu fil-forum kompetenti ġiet rifanċċjata b'kontestazzjoni tal-kreditu pretiz minnha u li tali kontestazzjoni ġiet meqjusa minn dina l-Qorti bħala "bona fide dispute", kien jispetta lill-istess soċjetà rikorrenti li tavvanza l-proċeduri appożiti fil-forum kompetenti sabiex jiġi determinat jekk tali kreditu kienx wieħed validu jew le. Minnflok is-soċjetà rikorrenti baqgħet passiva, ddikjarat bil-quddiem illi ma għandha l-ebda intenzjoni li tistiwixxi proċeduri ta' arbitraġġ u minnflok ġiet ippremjata a bażi ta' proċeduri li ġew istitwiti mis-soċjetà esponenti fl-Olanda li fl-aħħar mill-aħħar ma wasslux għal deċiżjoni fil-mertu li għaddiet in ġudikat fil-konfront tagħha.*

*13. Illi għalhekk u kuntrarjament għal dak stabbilit minn din l-Qorti, jirriżulta kjarament a bażi tal-provi dokumentarji illi s-sentenza tal-15 ts' Settembru 2021 ma qatlitx il-pretensjonijiet fil-mertu tas-soċjetà esponenti fil-konfront tas-soċjetà rikorrenti u li bis-saħħa tas-sentenza preċedenti mogħtija fl-20 ta' Mejju 2020, il-kontestazzjoni tal-kreditu*

*pretiz mis-soċjetà rikorrenti da parti tas-soċjetà esponenti baqgħet għal kollox impreġiudikata.*

Rat id-**digriet** tagħha tal-4 ta' Lulju 2022, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-28 ta' Settembru 2022, fl-10:00 a.m.

Rat in-nota tas-soċjeta` Eolia Limited intavolata fl-1 t'Awwissu 2022 (fol 13) li permezz tagħha ddikjarat li m'għandhiex provi xi tressaq fir-rigward tat-talba għar-ritrattazzjoni.

Rat ir-Risposta tal-**Av. Jonathan Abela Fiorentino noe** intavolata fit-12 ta' Awwissu 2022 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Eolia Limited intavolat mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino f'isem Eolia Limited fis-6 ta' Ġunju 2022 u notifikat lil-esponenti nomine fit-3 t' Awwissu 2022;*

2. *Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi r-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Eolia Limited huwa iritu u null, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

   a. *Is-soċjeta' Eolia Limited ġiet xolta permezz tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Marzu 2022;*
   b. *Nonostante li ġie intavolat rikors mir-riċevitur uffiċjali sabiex jingħata permess sabiex jintavola rikors għal ritrattazzjoni f'isem Eolia Limited, l-istralċ ta' Eolia Limited ma ġiex sospiż u għadu għaddej sal-lum il-ġurnata;*
   c. *Dan ifisser illi d-diretturi ta' Eolia Limited ġew żvestiti mill-poteri tagħhom u r-rappreżentanza ta' Eolia Limited tinsab esklussivament f'idejn ir-riċevitur uffiċjali;*
   d. *Illi infatti, fir-rikors tiegħu fejn talab li jingħata permess sabiex jitħalla jintavola rikors għal ritrattazzjoni, ir-riċevitur uffiċjali talab speċifikament illi:*
   *"Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizzah*
      1. *Jipproċedi biex jippreżenta r-rikors għar-ritrattazzjoni tal-kawża odjerna fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali; u*
      2. *Tordna lill-partijiet jew lil min minnhom sabiex jagħmlu tajjeb, jekk ikun il-każ, anki b'għoti ta' garanzija li titħallas taħt l-Awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti in tutela tal-ispejjeż li l-esponenti se jkun qed jinkorri in konnessjoni mal-imsemmija kawża ta' ritrattazzjoni, u li tirriserva li tvarja fi stafju ulterjuri l-ammont tal-garanzija jekk jirriżulta li l-ammont inizjali ma jkunx suffiċjenti sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha;*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni timponi fiċ-ċirkustanzi."*

e. *Permezz ta' digriet datat 3 ta' Ġunju 2022, din l-Onorabbli Qorti:*
*"Reġgħet rat ir-rikors; Rat id-digriet tas-16 ta' Mejju 2022; Rat ir-Risposta ta' Dr Louis Cassar Pullicino; Rat ir-Risposta ta' Dr Jonathan Abela Fiorentino; Rat l-Artikolu 812 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; TILQA' l-ewwel talba; TIRRIŻERVA li tipprovdi fi stadju ulterjuri dwar it-tieni talba.";*

f. *Għalhekk, din l-Onorabbli Qorti laqgħet* ***biss*** *id-dritt li* ***r-riċevitur uffiċjali*** *jintavola rikors għal ritrattazzjoni u* ***mhux ir-rappreżentant legali ta' Eolia Limited;***

g. *Konsegwentement, ir-rikors għar-ritrattazzjoni intavolat minn Dr Louis Cassar Pullicino m'għandhux jintlaqa stante li ma kellux awtorita jintavolah, kemm għaliex id-diretturi ta' Eolia Limited ma setgħux jagħtuh struzzjonijiet sabiex jintavolah in vista tal-fatt li huma m'għadx għandhom ir-rappreżentanza ta' Eolia Limited u kemm għaliex din l-Onorabbli Qorti, fid-digriet tagħha, laqgħet l-ewwel talba tar-riċevitur uffiċjali, fejn huwa talab awtorizzazzjoni sabiex* ***huwa*** *jipproċedi biex jippreżenta r-rikors għar-ritrattazzjoni;*

3. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti nomine jirrileva illi ritrattazzjoni minn sentenza ta' stralċ hija proċeduralment inkonċepibbli. Il-liġi innifisha ma tikkontemplax il-possibilita' li jsir la appell minn ordni ta' stralċ, u wisq anqas ritrattazzjoni. Referenza ssir għall-kawża fl-ismijiet Testaferrata Moroni Viani et v. Vella, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004:*
*L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi.*

*Fil-każ bl-ismijiet Barbara et vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiża fit-13 ta' Jannar 2015, il-Qorti Kostituzzjonali saħqet illi:*

*Hu minnu li l-Qorti Kostituzzjonali, fejn jidhlu d-drittijiet tal-bniedem, hija qorti ta' revizjoni wara decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Jibqa l-fatt, pero` li l-Qorti Kostituzzjonali m'hijiex Qorti tal-Appell, u* ***ghandha gurisdizzjoni specjali u funzjoni partikolari li jinsabu lill'hinn mill-process ordinarju regolat bil-Kap. 12 imsemmi****.* ***Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju, bil-procedura tkun applikabbli biss fil-kazijiet espressament kontemplati fil-ligi li, gie ritenut, jridu jinghataw interpretazzjoni strettisima u litterali*** *(ara, perezempju, il-kawza Testaferrata Moroni Viani et v. Vella, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004).* ***Darba l-ligi ma tikkontemplax ritrattazzjoni mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ma tistax,***

***dik il-Qorti stess, tohloq tali rimedju.*** *Il-kaz inghalaq mad-decizjoni ta' din il-Qorti, salv id-dritt tac-cittadin milqut hazin li, forsi ghat-tielet darba jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (emfasi miżjuda)*

*Illi bl-istess mod, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Kummerċ għandha ġurisdizzjoni specjali u funzjoni partikolari lill'hinn mill-proċess ordinarju regolat bil-Kap 12. Barra minn hekk, kemm il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kemm il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta ma jikkontemplaw il-possibbilita' li ssir ritrattazzjoni minn sentenza ta' stralċ. Għalhekk, fuq dan il-punt, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-rikors in kwistjoni fl-intier tiegħu;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament, ir-rikors odjern ġie intavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet premessi (pero b'rikors numru 246/2018 ISB) ab bażi tal-Artikolu 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jistabbilixxi illi:*

*811.Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*
*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament,* ***basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza*** *(emfasi miżjuda).*

5. *Illi l-bażi tal-argument ta' Eolia Limited huwa li peress li fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti Avinco Group Holdings N.V. ma kienx hemm eżitu fuq il-mertu li għaddha in ġudikat għaliex il-Qorti tal-Olanda ddeċediet illi ma kellhiex ġurisdizzjoni fil-konfront ta' Avinco Group Holdings N.V., mela allura s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Marzu 2022 kienet l-effett ta' żball għaliex d-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti teskludi l-eżistenza tal-fatt illi huwa stabbilit pożittivament (u ċioe l-fatt li d-deċiżjoni tal-Olanda kontra Avinco Group Holdings N.V. ma ddeċedietx il-mertu bejn il-partijiet għaliex qalet biss li m'għandiex ġuriżdizzjoni kontra l-esponenti). Tgħid ukoll li kellha tkun din l-Onorabbli Qorti li kellha tistieden lill-partijiet*

*sabiex jissoktaw bil-proċeduri apposti fil-mertu fil-'forum' kompeteni wara li l-proċeduri fl-Olanda ma kienux favorevoli lejha u tgħid ukoll, addirittura, li kellha tkun Avinco Group Holdings N.V. li tavvanza l-proċeduri appożiti fil-'forum' kompetenti sabiex jiġi determinat jekk il-kreditu tagħha kienx wieħed validu jew le!*

*Dawn l-argumenti huma fallaċi għar-raġunijiet segwenti:*

a. *Il-Qorti, bis-sentenza tagħha tat-13 ta' Lulju 2020, kienet ħalliet il-kawża sine die għaliex ikkunsidrat li "Fil-kaz tal-lum, abbazi tal-provi akkwiziti meqjusa fil-kumpless taghhom, il-Qorti tqis li tissussisti a bona fide dispute. Ladarba l-kuntratti, li abbazi taghhom AGH tikkontendi li hija kreditur ta` Eolia, huma kontestati minn Eolia fl-essenza taghhom quddiem il-qrati Olandizi, din il-Qorti ghandha toqghod lura milli f`dan l-istadju tqis il-mertu tat-talbiet tar-rikorrent noe. Fuq li se jirrizulta mill-process gudizzjarju pendenti quddiem il-qrati Olandizi, imbaghad il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet dwar jekk AGH ikollhiex locus standi sabiex tippromwovi l-azzjoni odjerna skont l-Art 218(1) tal-Kap 386. Jekk jirrizulta li ghandha locus standi allura mbaghad tghaddi sabiex tqis it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu taghhom."*

   *Għalhekk, in vista tal-fatt li l-proċeduri ġewwa l-Olanda kienu għadhom pendenti, mela allura kienet teżisti bona fide dispute bejn il-partijiet u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża sine die sakemm il-kawża fl-Olanda tgħaddi in ġudikat. F'dak l-istadju, l-Qorti għamlitha ċara li kif tinqata l-kawża ġewwa l-Olanda, il-kawża hawn Malta għandha titkompla. Hekk kif ġab prova l-esponent nomine, il-kawża fl-Olanda għaddiet in ġudikat u ma kien hemm (u ma hemm) l-ebda kawża oħra pendenti bejn il-partijiet fuq il-vertenza ta' bejniethom fl-ebda pajjiż fid-dinja. Għalhekk, ċertament, din il-Qorti iddeċediet tajjeb meta ikkonkludiet li l-bona fide dispute ma kienx għadu jeżisti bejn il-partijiet wara li intemmu l-proċeduri fl-Olanda u għalhekk tista' timxi sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti;*

b. *L-esponenti nomine jaqbel bis-sħiħ ma' din l-Onorabbli Qorti li "Il-Qorti f'kaz bhal dan lanqas ma thoss illi ghandha tkun hi illi tistieden parti jew ohra sabiex tinizjali proceduri legali kontra l-parti l-ohra, kemm jekk f'arbitragg kemm jekk quddiem il-Qrati – dik hija decizjoni li tispetta lill-partijiet jiehdu. Kif jinsabu l-affarijiet illum, lill-Qorti jirrizultalha illi s-socjeta` rikorrenti qed izzomm ferm mar-rikors minnha mressaq u li inizjalaw dawn il-proceduri, filwaqt illi is-socjeta` intimata lestiet proceduri quddiem Qrati Olandizi u ma ressqet xejn aktar" u jisħaq li*

*m'huwiex minnu li kellha tkun il-Qorti li tistieden lill-partijiet biex jissoktaw bil-proċeduri fil-mertu fil-'forum' kompetenti. Kieku verament riedet tintavola proċeduri oħrajn, l-intimata messha qabdet u għamlet dan, bħal ma sabet l-ebda problema li tintavola proċeduri ġewwa l-Olanda li ġew deċiżi kontriha;*

c. *Huwa assurd, u addirittura redikolu, li jiġi suġġerit li kellha tkun Avinco Group Holdings N.V. li tintavola proċeduri appositi fil-forum kompetenti sabiex jiġi determinat jekk il-kreditu tagħha kienx wieħed validu jew le. Il-kuntratt li fuqu qed tibbaża l-kreditu tagħha l-esponenti nomine, huwa validu u applikabbli bejn il-partijiet u l-esponenti nomine m'għandha l-ebda dubju dwar il-validita' tal-imsemmi kuntratt. Allura, bl-ebda mod m'għandha għalfejn tintavola proċeduri sabiex tottjeni konferma li l-kuntratt li fuqu hija qed tistrieħ u li dwaru m'għandha l-ebda dubju dwar il-validita' tiegħu, huwa validu! Jekk Eolia qed tisħaq li l-kuntratt in kwistjoni m'huwiex validu, mela kellha tkun hi li tintavola proċeduri fil-forum appożitu! In fatti, ma kellha l-ebda problema li tintavola proċeduri propju fuq l-istess punt quddiem il-qrati tal-Olanda hi stess, li, għaliex issa ma ġewx deċiżi kif xtaqet hi, qed terġa' tipprova tuża l-istess argument fallaċi li użat fil-mori tal-proċeduri odjerni li kellha tkun l-esponenti nomine li tintavola l-kawża in kwistjoni;*

d. *Fi kwalunkwe każ, sabiex tirnexxi azzjoni ta' ritrattazzjoni ab bażi tal-Artikolu 811 (l), jrid jintwera li "Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament,* ***basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza****". Indubbjament, is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11 ta' Marzu 2022 ddeċediet dwar dak kollu li qed tipprova tqajjem Eolia Limited fir-rikors odjern. Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha, tat raġunjiet dettaljati għaliex hija konvinta li m'għadhiex teżisti bona fide dispute bejn il-partijiet, wara li ħadet in konsiderazzjoni l-provi* ***kollha*** *ppreżentati quddiemha, inkluż is-sentenzi tal-Olanda li għaddew in ġudikat. Allura, bl-ebda mod ma tista tiġi Eolia Limited issa tipprova targumenta li s-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, meta din l-Onorabbli Qorti evalwat u studjat bir-reqqa l-atti u d-dokumenti kollha, għamlet konsiderazzjonijiet dettaljati dwar l-istess atti u dokumenti u waslet għall-konkluzjoni li m'għadiex teżisti bona fide dispute bejn il-partijiet;*

6. *Illi ċertament irid jingħad li, wara li għaddiet in ġudikat is-sentenza tal-Qorti tal-Olanda fil-konfront ta' Avinco Group Holdings N.V. fejn il-Qorti iddeċediet li m'għandiex ġurisdizzjoni, meta l-esponenti saħqet illi l-proċeduri f'Malta għandhom jitkomplew għaliex il-kawża li f'dak il-mument kienet għadha pendenti ġewwa l-Olanda ma tikkonċernax lill-esponenti (peress illi ġiet deċiża fil-konfront tagħha), Eolia Limited argumentat li għalkemm il-proċedura kienet intemmet fil-konfront tal-esponenti, kienet għadha għaddejja fil-konfront tal-intimati l-oħrajn u in vista tal-fatt li l-kawża fil-konfront tal-intimati l-oħrajn (skond Eolia Limited) hija relevanti xorta waħda għal mertu tal-pendenza bejn il-partijiet fil-kawża odjerna, kien importanti li l-kawża f'Malta ma titkompliex qabel ma tiġi deċiża b'mod definittiv il-kawża fl-Olanda fil-konfront tal-intimati l-oħrajn. Dan kollu ġie aċċenat mill-avukat li kien jirrappreżenta lill-kumpannija Eolia Limited qabel ix-xoljiment tagħha waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2021. Interessanti hu l-fatt li dakinhar kien qiegħed isir l-argument li l-Qorti għandha tistenna l-eżitu tal-kawża ġewwa l-Olanda fil-konfront tal-intimati l-oħrajn għaliex din taffetwa l-mertu bejn il-partijiet fil-kawża odjerna, u issa, wara li l-proċeduri ġewwa l-Olanda għaddew in ġudikat kontra Eolia Limited, konvenjentement inbidlet il-verżjoni u qed isir l-argument li s-sentenza ta' din il-Qorti kienet effett ta' żball għaliex is-sentenza tal-qorti tal-Olanda fil-konfront ta' Avinco Group Holdings NV ma daħlitx fuq il-mertu! Dan juri li dan ir-rikors m'huwa xejn għajr attentat iddisprat ta' Eolia Limited biex tkompli ittawwal il-proċeduri, kif fil-verita' ilha tagħmel mill-bidu nett;*

7. *Illi infatti, ma jistax ma jsemmix l-esponenti nomine l-fatt li Eolia Limited ilha minn mindu ġie intavolat ir-rikors promotur għall-istralċ tivvinta modi biex ittawwal il-proċeduri:*

   a. *Fil-mori tal-proċeduri tal-istralċ, fl-istadju tal-provi tal-partijiet, Eolia Limited kienet tallega li l-kuntratt in kwistjoni huwa null iżda qatt ma ħadet azzjoni dwar din l-allegazzjoni ħlief wara li l-provi tal-partijiet kienu magħluqa u l-kawża kienet differita għas-sentenza;*
   b. *Eolia Limited iddeċidiet li tintavola proċeduri ġewwa l-Olanda sabiex tattakka l-validita' tal-kuntratt. Hija, minn jedda, għażlet dik il-forum sabiex tressaq il-pretenzjoni tagħha. Issa għax ġew deċiżi kontriha, qed tallega li l-mertu bejn il-partijiet għadu miftuħ beraħ u saħansitra tisħaq li l-Qorti kellha dover li tistieden lill-partijiet biex jintavolaw proċeduri oħrajn f'forum ieħor;*
   c. *Meta ġiet ri-appuntata l-kawża, Eolia Limited opponiet ab bażi tal-fatt li l-proċeduri fil-konfront tal-intimati l-oħrajn għadhom għaddejjin ġewwa l-Olanda, u issa, kif dawn ġew deċiżi, dawret l-argument tagħha kompletament għaliex ovjament m'għadux*

*jaqblilha tgħid dan in vista tal-fatt li l-proċeduri ġewwa l-Olanda ma ġewx deċiżi kif xtaqet hi; u*

d. *Issa, wara li l-Qorti ppronunzjat ruħha favur l-esponent nomine u kontriha, qed titlob sabiex issir ritrattazzjoni tal-kawża (li kif spjegat iżjed il-fuq f'din ir-risposta huwa proċeduralment inkonċepibbli fi proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sezzjoni tal-Kummerċ tagħha) sabiex tkompli ttawwal iż-żmien u ma tottemprax ruħha mad-deċiżjoni FINALI ta' din l-Onorabbli Qorti;*

8. *Illi ma jistax ma jingħadx ukoll li fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2022, din l-Onorabbli Qorti għamlet ordnijiet serji in vista ta' dak li irriżulta mir-rapport DOK AGH 17, u għalhekk, azzjoni bħal dik odjerna ma tistax ma tiġix interpretata bħala attentat ieħor da parti ta' Eolia Limited (jew tal-membri u/jew eks-diretturi tagħha) sabiex tipprova tevita li jsiru l-investigazzjonijiet li jistaw attwalment jsiru wara l-ordinijiet li tat din l-Onorabbli Qorti;*

9. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għal dak kollu hawn espost, fl-umli opinjoni tal-esponenti l-ispejjeż kollha in konnessjoni mal-kawża ta' ritrattazzjoni għandhom jiġu supportati minn Eolia Limited jew minn min qed jinstiga li ssir tali kawża u ċertament ma għandhiex tkun is-soċjeta' esponenti li tbati tali spejjeż u titpoġġa fis-sitwazzjoni li trid tiffinanzja hija stess kawża li hija qed topponi bis-sħih.*

Rat illi fl-udjenza tal-10 t'Ottubru 2022, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu.

Rat illi fl-udjenza tat-12 t'Ottubru 2022, wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, il-partijiet qablu li l-kawża tiġi differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat illi b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Novembru 2022, il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-llum, id-difensuri tal-partijiet qabblu illi din il-Qorti tista' tghaddi sabiex taghti d-decizjoni taghha, u hekk qed isir.

Rat l-atti l-ohra tal-kawża, inkluz mill-att tal-proceduri 246/2018ISB.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta` Eolia Limited ai termini tal-Artikoli **811(1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi mit-trattazzjonijiet estensivi tal-partijiet tqajmu żewġ punti li din il-Qorti kien jeħtieġ tiddeċiedi dwarhom b'mod preliminari, u ċioe:

1. Dwar il-fatt li l-proċedura odjerna ġiet inizjalata permezz ta' rikors mhux ġuramentat.

2. Dwar jekk hux proċeduralment konċepibbli li tintalab ritrattazzjoni minn provvediment ta' xoljiment u stralċ ai termini tal-artikolu 214 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u allura hix irrita l-procedura mehuda.

Issa, fir-rigward tal-ewwel punt, is-soċjeta` Eoila Limited intavolat rikors fil-31 t'Ottubru 2022 fejn talbet is-sostituzzjoni tar-rikors promotur ma' rikors ġuramentat li dwaru din il-Qorti iddegredat separatament permezz ta' digriet mogħti minnha separatement fl-udjenza ta' llum stess – u ghalhekk tqis din l-eccezzjoni bhala sorvalata diga' u mhux necessarju illi jkun hemm decizjoni dwar l-istess hawnekk.

Fir-rigward tat-tieni punt, jeħtieġ li qabel xejn din il-Qorti tevalwa jekk fil-fatt huwiex proċeduralment possibbli li ssir talba għal ritrattazzjoni minn provvediment ta' xoljiment u stralċ ai termini tal-artikolu 214 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif f'dan il-kaz, nghata fil-11 ta' Marzu 2022.

L-Av Jonathan Abela Fiortentino nomine tratta estensivement dwar dan il-punt u fil-fatt eċċeppixxa l-istess fit-tieni eċċezzjoni tiegħu. Jikkontendi li l-proċedura tar-ritrattazzjoni hija waħda eċċezzjonali li għandha tintuża biss f'ċertu sitwazzjonijiet jekk jikkonkorru ċertu elementi u għandhom jiġu interpretati b'mod ristrettiv. Isostni li fi kwalunkwe provvediment jew proċedura fil-kuntest tal-Kap 386, il-liġi ma tikkontemplax li jkun hemm ritrattazzjoni. Ixebbaħ il-ġurisdizzjoni speċjali ta' din il-Qorti ma dik tal-Qorti Kostituzzjonali u ċioe` li għandhom funzjoni partikolari li jinsabu lil hinn mill-proċess ordinarju kif regolat mill-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jikkontendi li la darba l-liġi stess ma tikkontemplax rimedju, ma tistax tkun il-Qorti stess li toħloq dak l-istess rimedju.

Oltre` minn hekk, isostni li r-rimedju ta' ritrattazzjoni jeżisti meta jkun hemm sentenza tal-Qorti mentri fil-każ odjern, il-proceduri koncernatigew determinati bi provvediment ai il-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux b'sentenza kif jirrikjedi l-Artikolu 811 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-soċjeta Eolia Limited minn naħa tagħha ssostni li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija ċara, fis-sens illi la darba l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-mertu tat-talbiet in kwantu ta' xoljiment u nomina ta' stralċjarju huma in ġudikat u definittivi. Tikkontendi li l-fatt li l-istralċ jibqa` għaddej taħt is-sorveljanza tal-Qorti m'għandu l-ebda effett fuq jekk hemmx ġudikat finali jew le għax huma konsegwenzjali għal ġudikat innifsu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-rikors tas-socjeta` Eolia Limited huwa bbazat fuq l-**Artikolu 811(l) tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, li jgħid testwalment hekk:

> ***811.*** *Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażatafuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkunbla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.*

Dan l-artikolu jeħtieġ jinqara wkoll fil-kuntest tal-**Artikolu 812 tal-Kap 12** li jgħid testwalment hekk:

> ***812****.Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkunġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Issa l-Qorti tirreferi dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha datata 27 ta' Settembru 2019 fl-ismijiet **Marina Milling & Grain Handling Co. Limited vs Euro Imports Limited**, fejn, wara illi l-Qorti msemmija daħlet fid-dettal dwar in-natura tal-provvediment mogħti taħt l-artikolu 214 tal-Kap 386 sabiex tiddetermina hemmx il-jedd t'appell f'dawn iċ-ċirkostanzi, hija waslet għas-segwenti konklużjonijiet:

> *"Il-kwestjoni tas-siwi ta' appell hija ħaġa ta' ordni pubbliku u l-Qorti trid tqisha qabel kull ħaġa oħra, kemm jekk din titqajjem minn xi waħda mill-partijiet u kif ukoll jekk mill-Qorti minn rajha[1], billi l-ebda qorti ma tista' tassumi setgħa li m'għandhiex;*
>
> *10. Illi l-appellata tqajjem żewġ kunsiderazzjonijiet dwar is-siwi tal-appell tallum: (i) l-ewwel waħda hija li l-appellanti ma setgħetx tappella ladarba ilha bla diretturi sa minn qabel ma nbdiet il-kawża, u li l-persuna waħdanija li setgħet tidher għaliha kien l-istralċjarju; u (ii) li l-liġi ma tagħtix jedd ta' appell minn Ordni ta' Stralċ taħt l-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti se tibda billi tqis it-tieni minn dawn iż-żewġ kunsiderazzjonijiet;*
>
> *11. Illi f'dan ir-rigward, l-appellata tgħid li d-deċiżjoni appellata mhijiex sentenza iżda hija biss ordni li dwaru l-liġi la tagħti espressament jedd ta' appell u lanqas tapplika għalih id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk, għall-kuntrarju ta' fejn il-liġi (Kap 386) riedet tagħti jedd ta' appell għal xi ordni mogħti minn qorti, dan tgħidu espressament;*
>
> *12. Illi l-appellanti ma ressqet l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward;*
>
> *13. Illi l-Qorti tqis li l-proċedura mnedija quddiem l-ewwel Qorti mill-appellata hija waħda speċifika li dwarha tipprovdi biss il-liġi speċjali tal-kumpanniji. Huwa aċċettat ukoll li l-imsemmija proċedura hija waħda maħsuba għall-ħarsien kemm tal-kumpannija nnifisha u kif ukoll tal-kredituri tagħha fiċ-ċirkostanzi li jaħseb għalihom l-artikolu 214 li taħtha nbdiet din il-proċedura u biex tagħti mekkaniżmu ta' aċċertament tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija li tkun. B'żieda ma' dan, jingħad li l-proċedura ta' xoljiment u stralċ konsegwenzjali ta'*

[1] App. Inf. PS 19.10.2005 fil-kawża fl-ismijiet Azzopardi General Transport Ltd vs George Mifsud et

*kumpannija fil-liġi ta' Malta ttieħdet minn dik maħsuba fl-Insolvency Act 1986 tar-Renju Unit, imma l-leġislatur għażel liema dispożizzjonijiet minn dik il-liġi ried li jkunu jagħmlu parti mill-liġi f'Malta;*

*14. Illi fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, **il-Qorti hija tal-fehma li d-deċiżjoni li tingħata minn qorti fi proċedura mnedija taħt l-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta hija provvediment ordinatorju li jixbah lil degriet u mhux sentenza**[2]. Tqis ukoll, kif tajjeb tgħid l-appellata, li dwar il-proċedura maħsuba fl-artikolu msemmi, il-liġi ma tgħid xejn dwar appelli minn Ordni ta' Stralċ; filwaqt li, f'dispożizzjonijiet oħrajn marbuta mal-proċess tal-likwidazzjoni ta' kumpanniji, fejn riedet li jkun hemm jedd ta' appell qalitu u tatu speċifikatament[3]. Il-proċedura nnifisha li hija maħsuba biex jitnieda l-proċess għall-għoti ta' Ordni ta' Stralċ huwa differenti mill-proċedura ordinarja maħsuba mil-liġi proċedurali għal proċediment ordinarju kontenzjuż[4]. **Fuq kollox, il-provvediment li bih qorti toħroġ Ordni ta' Stralċ ma jtemmx il-proċess quddiem dik il-qorti, liema ċirkostanza hija meqjusa bħala element ewlieni biex wieħed jagħraf bejn sentenza u provvediment**[5]. Minbarra l-għażla tradizzjonali bejn degrieti interlokutorji u dawk kamerali, il-provvedimenti li għandhom min-natura ta' degriet jintgħarfu minn dawk li jikkostitwixxu sentenza prinċipalment minn jekk jagħlqux jew le l-kwestjoni li dwarha dak il-provvediment ikun ingħata. **Huwa maqbul b'awtorità li jekk deċiżjoni tagħlaq il-kwestjoni din tkun sentenza; jekk, min-naħa l-oħra, din tipprovdi biss dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kwestjoni, allura titqies bħala degriet**[6] [7]. Kif ingħad b'awtorità[8] wkoll, dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittività tagħha (fis-sens ta' quando terminat negotium de quo agitur). **Minn qari tal-parti dispożittiva tad-deċiżjoni appellata, b'mod partikolari f'dik il-parti fejn intlaqgħet it-***

---

[2] Ara App. Inf. PS 10.1.2007 fil-kawża fl-ismijiet Avukat Francis Portanier noe et vs George Micallef
[3] Ara art. 253 tal-Kap 386 (dwar l-effett ta' ordni ta' qorti fuq kontributorju)
[4] Art. 154(1) tal-Kap 12
[5] Emfażi tal-Qorti
[6] Ara Prof. Caruana Notes on Civil Procedure paġ. 1419; Mattirolo Diritto Giudiziario, Vol. IV, pp16-7; u Mortara Digesto Italiano Vol XXI (voce " Sentenza Civile"), paġġ. 450 ff.
[7] Emfażi tal-Qorti
[8] App. Ċiv. 29.4.1925 fil-kawża fl-ismijiet Tabone vs Borġ Olivier (Kollez. Vol: XXVI.i.115)

> ***tieni talba tal-appellata, jidher ċar li l-ewwel Qorti tat direttivi li dwarhom hija kienet qiegħda tistenna t-twettiq għall-eventwali verifika tagħha, qabel ma jingħata l-ordni aħħari skond l-artikolu 264 tal-Kapitolu 386**[9]*;
>
> *15. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-preġudizzjali mqajma mill-appellata dwar is-siwi tal-appell imressaq mill-appellanti hija tajba. Jidher għalhekk li, min-natura tal-provvediment[10] li jingħata minn qorti għall-finijiet tal-artikolu 214 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rimedju li jista' disponibbli għal min jixtieq jikkontestah mhuwiex dak ta' appell quddiem din il-Qorti, imma rimedju proċedurali ieħor. Għalkemm f'dak li jirrigwarda dritt proċedurali, it-tixbih b'analoġija jrid isir b'mod kontrollat, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellata li f'dan ir-rigward jgħoddu l-istess kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fejn jidħol is-siwi ta' appell minn ordnijiet oħrajn magħmula minn qorti taħt l-Att dwar il-Kumpanniji. Dan jingħad fir-rigward ta' Ordni magħmul minn qorti taħt l-artikolu 402 tal-istess Att u jekk jistax jitressaq appell minnu. F'dak il-każ, din il-Qorti tat il-fehma meqjusa u raġunata tagħha li jedd ta' appell minn ordni bħal dak ma jeżistix[11];*

Applikat dan l-insenjament għall-proċeduri odjerni, il-Qorti tqis illi filwaqt illi huwa minnhu illi hawnekk no si tratta ta' appell imma ri-trattazzjoni, il-principju jibqa' ben applikabbli. Isegwi li l-provvediment mogħti fil-11 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu din il-Qorti ordnat ix-xoljiment u l-eventwali stralċ tas-soċjeta' Eolia Limited ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 214 tal-Kap 386, ma jammontax għal sentenza definittiva iżda għandu l-istess effett ta' digriet kif hawn fuq spjegat, u dana stante li l-kwistjoni li dwarha ngħata l-provvediment fil-fatt ma tistax tingħad li hi magħluqa u konkluża u fil-fatt, wara li ingħata l-imsemmi provvediment, il-proċeduri baqgħu pendenti fis-sens li l-istralċ u x-xoljiment li ordnat din l-istess Qorti ghadhom mhumiex konklużi b'mod definittiv.

---

[9] Emfażi tal-Qorti

[10] Ara b'eżempju App. Ċiv. 8.5.2003 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Josef Gatt vs Marisa Gatt

[11] Ara App. Ċiv. 27.11.2009 fil-kawża fl-ismijiet Jonathan Shaw et noe et vs David Alan Shaw et ; u App. Ċiv. 31.1.2014 fil-kawża fl-ismijiet Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil & Sons Ltd. et

Isegwi, għalhekk, li la darba l-provvediment ta' din il-Qorti fl-ismijiet fuq ċitati tal-11 ta' Marzu 2022, moghti in segwitu ghall-proceduri ai termini tal-Artikolu 214 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jammontax għal sentenza definittiva, din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' Eolia Limited kif dedotti minnha fir-rikors tas-6 ta' Ġunju 2022, li b'digriet tagħha ta' llum, ġie sostitwit bir-rikors ġuramentat intavolat fil-31 t'Ottubru 2022, billi ma jinkokorrux l-elementi neċessarji sabiex tkun tista` tiġi intavolata b'suċċess talba għal ritrattazzjoni ai termini tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu illi fil-kaz odjern, tali ri-trattazzjoni mhix qed tintalab minn sentenza kif trid l-istess ligi.

Il-Qorti qeghda finalment tqis ukoll dak li l-Qrati taghna dejjem ghallmu, cioe` illi r-regoli li jirregolaw l-istitut ta' ritratazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima.

Il-Qorti ser tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet riferiti minn Dottor (illum Imhallef) Grazio Mercieca, fil-ktieb tieghu "**Massimarji tal-Imhallef Philip Sciberras – Procedura Civili**"[12], li ukoll jaghtu komfort lil din il-Qorti fid-decizjoni li qeghda hawnekk tiehu:

> ***42.006***
>
> *Qabel ma' l-Qorti tgħaddi biex tinterpreta l-preċitata disposizjoni tajjeb li jiġi mfakkar illi r-rimedju tar-ritrattazjoni huwa ta' indoli straordinarja* ***(Vol XXIX.1.798)*** *u* ***kwindi r-regoli li jiggvernaw dan l-istitut huma ta' nterpretazjoni strettissima (Vol XLII.i.227).*** *Kif ingħad minn Sir Antonio Micallef fid-deċiżjoni a* ***Vol VI.365,*** *li tirrikapitula l-istorja ta' dan l-istitut, "non vi é un caso in cui si contesta la lite ed in cui non si controverta sul senso della legge dei contratti e dei testamenti, e non vi é un caso in cui la parte soccombente non possa pretendere essere stata a suo danno commesso un'ingustizia."*
>
> ***42.007***
>
> *Ingħad, imbagħad, ukoll illi "r-rimedju tar-ritrattazjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeġġjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut, bil-konsegwenza loġika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta'* ***interpretazjoni strettissima. Diversament, taħt il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża, u b'hekk***

[12] L-Ewwel Volum, pg 648

***indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza" – Rev. Saċerdot Dun Giuseppe Aquilina -vs- Francesco Aquilina,*** *Appell Ċivili 18.04.1958.*[996]

***42.008***

*Governat minn regoli ta' strettissima interpretatione* ***(Vol VI.345)*** *u* ***mhux "suscettibili di una interpretazione estensiva ma della sola letterale" (Vol XXI.ii.p117; Vol XXVI.i.622).***[997]

***42.009***

*Regolat minn interpretazjoni strettissima* ***Rev. Sac. Dun Giuseppe Aquilina -vs- Francesco Aquilina,*** *Appell Ċivili, 18.04.1958), "non suscettibile di una estensiva ma della sola letterale"* ***(Arthur Micallef -vs- Maria Dolores Vella et,*** *Prim'Awla, Qorti Ċivili, 25.06.1910).*[998]

***42.010***

*Preambulari għal kunsiderazzjonijiet li jridu jsiru ma jidhirx li jkun inopportun jekk jiġi ex abundantia cautelae ribadit illi r-rimedju tar-ritrattazjoni huwa ta' indoli straordinarja* ***(Kollez Vol XXIX.i.798)*** *u li r-regoli li jiggvernaw dan l-istitut huma ta' nterpretazzjoni strettissima* ***(Kollez Vol XXVII.i.818*** *u* ***Vol XLII.1.227).***[999]

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tghaddi biex tqis it-talba ghal ritrattazzjoni bhala irrita u tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' Eolia Limited kif kontenuti fir-rikors tagħha tas-6 ta' Ġunju 2022, li b'digriet tagħha ta' llum, ġie sostitwit bir-rikors ġuramentat intavolat fil-31 t'Ottubru 2022, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' Eolia Limited.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**